**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

**Numru 20**

**Avviz numru 1292/02JR**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**John Mary Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm332.11), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 20164 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2001 u Frar 2002;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nicolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm332.11), bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**